MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Avviz Numru. 291/2004

**SJI Clothing Industry Ltd**

**vs**

**Estro Clothing Ltd**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet l-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u zewg liri Maltin (Lm2,902) dovuta minnha u dana skond l-obbligu assunti mis-socjeta' konvenuta a bazi ta' skrittura privata datata 28 ta' Gunju, 2001 (Dok SJI 1).

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' zewg ittri legali (Dok SJI 2 u SJI 3), ta' l-ittra ufficcjali (Dok SJI 4) u bl-imghax skond il-Ligi sad-data tal-pagament effettiv  li qed jigu pprezentati

kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, disa' mija u zewg liri Maltin (Lm2,902) dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta' attrici u bl-imghaxijiet legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------